MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 733/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Sean Micallef ta' 19 il-sena, bin James u Natalina xebba Fenech, imwieled Pieta` nhar it-18 ta' Gunju 1993, residenti gewwa 111B, Bini tal-Gvern, Entratura 171, Flat 3, Triq il-Wied ta l-Imsida, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bn-numru 271593(M)**

**u**

**Johansson Spiteri ta' 24 sena, bin Anthony u Rosaria xebba Borg, imwieled l-Pieta` nhar il-14 ta' Dicembru 1987 residenti gewwa 83, Triq l-Istefanotis, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 559187(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

1. F'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' Lulju 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe:

2. Talli nhar is17 ta' Lulju 2012 u fil-jiem, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu, fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommettew serq ta' madwar €47 fi flus kontanti minn 'vending machines', liema serq huwa kkwalifkat bil-hin u bil-mezz li sar ghad-detriment ta' Paul Attard;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikrostanzi , volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-imsemmija 'vending machine', ghad-detriment tal-istess Paul Attard, liema hsara tiskorri l mija u sitax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) imma anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69);

4. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Lulju 2012 fi Triq in-Naxxar Gharghur, ikkommettew serq ta' oggetti, fosthom flus kontanti minn gewwa l-fond 'V.F. Portelli Petrol Station', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin kif ukoll bil-valur li jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetnezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra uli sar ghad-detriment tas-socjeta 'F.F. Portelli' u/jew ta'persuni ohra.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-imsemmija ‘vending machine’, propjeta tal-istess ‘V.F Portelli’ u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri mija u sitax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) imma anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69);

6. Kif ukoll talli fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 ta’ Lulju 2012 gewwa ‘Didi Auto Valley Service Station’ li tinsab fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida, Msida, ikkommettew serq ta’ madwar €50 fi flus kontanti liema serq huwa kkawlifikat bil-mezz kif ukoll bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Carmel Borg u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-imsemmija ‘vending machine’, ghad-detriment ta’ Carmel Borg u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri mija u sitax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) imma anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) *u dan bis ksur ta’ Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

8. Kif ukoll talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Lulju 2012 fi Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommettew serq ta’ madwar €50 fi flus kontanti minn go ‘vending machine’ liema serq huwa kkawlifikat bil-hin kif ukoll bil-mezz li sar ghad-detriment ta’ Paul Attard u/jew persuni ohra;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-imsemmija ‘vending machine’, ghad-detriment ta’ Paul Attard u/jew

persuni ohra, liema hsara tiskorri mija u sitax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) imma anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69);

10. Kif ukoll talli nhar il-15 ta' Lulju 2012, ghall-habta tad-disgha ta' bil-lejl, minn gewwa l-fond 'Sterling Petrol Station' fi Triq Testaferrata, Ta'Xbiex, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u kif ukoll bil-valur li jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetnezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra u li sar ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew ta'persuni ohra;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` l-imsemmija 'vending machine', ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf mija u sitax il-Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€1116.47);

12. Talli nhar is-17 ta' Lulju 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruq mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod indhalu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fatt illi l-imputati ghandhom problem tal-vizzju tad-droga u ghandhom bzonn l-ghajnuna, kif ukoll il-fatt illi l-imputati qeghdin jobbligaw ruhhom illi jhallsu d-danni kawzati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(f)(b)(c), 267, 263(a), 270, 278(1)(3), 325 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba (4) snin mil-lum.

Intoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien erba’ snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-hatja isegwu programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk hunaa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal Sorveljanti.

Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qort tordna lill-hatja jhallsu f'ammonti ugwali bejniethom s-segwenti ammonti:

L-ammont ta' erba' mija u tletin euro (€430) lil Paul Attard;
L-ammont ta' seba' mija u erba' sebghin euro (€774) lir-rapprezentant ta' V.F. Portelli;
L-ammont ta' mija u erbghin euro (€140) lil Carmel Borg;
L-ammont ta' tlett elef sitt mija u hamsa u disghin euro (€3695) lil Carmel Mifsud.
Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------